

Brussell, 7 ta' Lulju 2023
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0202(COD)

11657/23
ADD 1

DATAPROTECT 195
JAI 986
DIGIT 135
MI 602
FREMP 214

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	6 ta' Lulju 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 348 final
Suġġett:	ANNEX tal-Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jstabbilixxi regoli proċedurali addizzjonali relatati mal-infurzar tar-Regolament (UE) 2016/679

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2023) 348 final.

Mehmuż: COM(2023) 348 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 4.7.2023
COM(2023) 348 final

ANNEX

ANNESS

tal-Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li jistabbilixxi regoli proċedurali addizzjonali relatati mal-infurzar tar-Regolament (UE)
2016/679**

ANNEX

Ilment imressaq abbażi tal-Artikolu 3¹

Parti A: Informazzjoni Mandatorja

1. Identifikazzjoni tal-persuna jew tal-entità li tressaq l-ilment

Meta l-ilmentatur ikun persuna fiżika, ippreżenta formola ta' identifikazzjoni².

Meta l-ilment jiġi ppreżentat minn korp imsemmi fl-Artikolu 80 tar-Regolament (UE) 2016/679, ippreżenta evidenza li l-korp ġie kostitwit kif suppost skont il-liġi ta' Stat Membru.

Meta l-ilment jiġi ppreżentat abbażi tal-Artikolu 80(1) tar-Regolament 2016/679, ippreżenta evidenza li l-korp li jressaq l-ilment ikun qed jaġixxi abbażi tal-mandat tas-suġġett tad-*data*.

2. Dettalji ta' kuntatt³

Meta l-ilment jiġi ppreżentat b'mod elettroniku, l-indirizz tal-posta elettronika.

Meta l-ilment jiġi ppreżentat bil-posta, l-indirizz postali.

Numru tat-telefown.

3. Entità li l-ipproċessar tad-*data* personali tiegħek minnha jikser ir-Regolament (UE) 2016/679

Ipprovdni l-informazzjoni kollha fil-pussess tiegħek biex tiffaċilita l-identifikazzjoni tal-entità li hija s-suġġett tal-ilment tiegħek.

4. Suġġett tal-ilment

Jekk jogħġbok niżżel il-fatti li minnhom, fl-opinjoni tiegħek, jirriżulta li hemm jew kien hemm ipproċessar tad-*data* personali tiegħek li jikser ir-Regolament (UE) 2016/679 (il-GDPR). Indika b'mod partikolari l-kuntest li fih ġiet ipproċessata d-*data* personali tiegħek.

Parti B: Informazzjoni supplimentari

¹ L-ilment jenħtieġ li jimtela u jiġi ppreżentat b'mod elettroniku jew komplut u ppreżentat lill-awtorità superviżorja bil-posta.

² Pereżempju, passaport, liċenzja tas-sewqan, ID nazzjonali.

³ Fil-każ li jitressaq ilment minn korp imsemmi fl-Artikolu 80 tar-Regolament (UE) 2016/679, jenħtieġ li tiġi pprovduta l-informazzjoni kollha fil-punt 2.

Jekk possibbli, indika d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2016/679 (il-GDPR) li tqis li nkisru mill-entità bl-ipproċessar tad-*data* personali tiegħek.

Jekk jogħġbok speċifika jekk ikkuntattjajtx lill-entità msemmija fil-punt 3 tal-Parti A qabel l-ilment tiegħek u ddeskrivi r-riżultat ta' kwalunkwe tali azzjoni. Jekk possibbli, jekk jogħġbok ehmeż kwalunkwe korrispondenza rilevanti bejnek u l-entità.

Jekk jogħġbok speċifika jekk bdejtx proċedimenti amministrattivi u/jew ġudizzjarji oħra rigward is-suġġett tal-ilment tiegħek. Jekk iva, jekk jogħġbok ipprovdidi spjegazzjoni tal-istatus, u, fejn rilevanti, l-eżitu ta' tali azzjonijiet.

Ippreżenta d-dokumentazzjoni kollha fil-pussess tiegħek relatata mal-fatti stabbiliti fl-ilment (pereżempju, kopja tad-dokumenti li jiċċertifikaw ir-relazzjoni mal-kontrollur tad-*data* (eż. fatturi, kuntratti); kopja ta' kwalunkwe messaġġ ta' kummerċjalizzazzjoni jew posta elettronika; stampi, ritratti jew ritratti tal-iskrin; rapporti ta' esperti; rapporti tax-xhieda; rapporti ta' spezzjoni).

Parti C: Dikjarazzjoni u firma

Jekk jogħġbok ikkonferma li l-informazzjoni mogħtija f'din il-formola qed tingħata kompletament *in bona fede*.

Data u firma.